

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

7.11.2007

B6-0440/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Charles Tannock, Ria Oomen-Ruijten, Laima Liucija Andrikiienė, Christopher Beazley, Elmar Brok, Michael Gahler, Tunne Kelam, Bogdan Klich, Godelieve Quisthoudt-Rowohl and Karl von Wogau

fisem il-Grupp PPE-DE

dwar the EU-Russia Summit in Mafra on 26 October 2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar the EU-Russia Summit in Mafra on 26 October 2007

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, fuq in-naħa l-oħra, li daħlet fis-seħħ fl-1997 u tiskadi fl-2007,
 - wara li kkunsidra l-objettiv ta' l-UE u r-Russja, stabbilit fid-dikjarazzjoni konġunta maħruġa wara s-Samit ta' St Petersburg li sar fil-31 ta' Mejju 2003, biex tiġi stabbilita żona ekonomika komuni, żona komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, żona komuni ta' koperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà esterna u żona komuni ta' riċerka u edukazzjoni, inklużi aspetti kulturali,
 - wara li kkunsidra l-konsultazzjonijiet UE-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet ta' l-UE mar-Russja, u b'mod partikulari dawk ta' l-10 ta' Mejju 2007 dwar is-Samit UE-Russja f'Samara u dik tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar **ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' l-UE mar-Russja**,
 - wara li kkunsidra l-20 Samit UE-Russja, li sar f'Mafra fis-26 ta' Ottubru 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja kienu qed jiżviluppaw b'mod kontinwu fl-aħħar ftit snin, li wasslu għal integrazzjoni u interdipendenza ekonomiċi fil-fond u komprensivi, li mistennija jiżdiedu anki iktar fil-futur qrib,
- B. billi l-koperazzjoni iktar mill-qrib u relazzjonijiet tal-viċinanzi tajbin bejn l-UE u r-Russja huma ta' importanza ewlenija għall-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità ta' l-Ewropa kollha,
- C. billi l-Federazzjoni Russa hi membru sħiħ tal-Kunsill ta' l-Ewropa u ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa u għalhekk impenjat ruħha li tikkonforma mal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-elezzjonijiet demokratiċi stipulati minn dawk l-organizzazzjonijiet,
- D. billi li UE esprimiet b'mod ripetut it-tħassib tagħha dwar jekk Russja hix ġenwinament kkomessa li tirrispetta l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem,
- E. billi f'dan ir-rigward l-elezzjonijiet fir-Russja li ġejjin dalwaqt se jkun prova importanti,

- F. billi f'dawn l-aħħar xhur ir-Russja għamlet kampanja dejjem iżjed qawwija kontra l-osservaturi elettorali ta' l-OSCE, u akkużathom b'imparzjalità u li jiffukaw kważi għal kollox fuq l-elezzjonijiet 'fil-Lvant ta' Vjenna'; billi d-delegazzjoni diplomatika tar-Russja fil-kwartieri ta' l-OSCE fi Vjenna x-xahar li għadda ċċirkolat proposti biex tillimita l-missjonijiet mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-OSCE għal 50 ruħ u biex twaqqafhom milli jagħmlu stqarrijiet pubbliċi immedjatament wara l-elezzjonijiet; billi, skond Vladimir Churov, il-kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, ir-Russja se tistieden 'minn 300 sa 400 osservatur barrani' għall-elezzjoni tat-2 ta' Diċembru - parti żgħira mill-1165 li kienu preżenti waqt l-aħħar elezzjonijiet parlamentari f'Marzu 2003,
- G. billi l-konklużjoni ta' PCA ġdida bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa hija ta' l-akbar importanza għall-koperazzjoni futura tagħhom, b'mod partikulari rigward l-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet ekonomiċi, it-titjib ulterjuri tas-sigurtà u l-istabilità fl-Ewropa u t-tiżiħ ulterjuri tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt bħala l-bażi ta' dik il-koperazzjoni,
- H. billi l-bidu tan-negozjati dwar il-Ftehma ġdida ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) ġiet posposta u saret soġġetta għat-tneħħija mill-Gvern Russu tal-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet agrikoli Pollakki li ddaħħlet fl-2005; billi qegħdin isiru sforzi mill-UE biex jinstab kompromess dwar il-kwistjoni ta' l-importazzjonijiet Pollakki, sabiex jintemm dan l-impass politiku, u dwar l-għeluq tal-pipeline 'Druzhba' għal-Litwanja, li deher li kellu mottivi politiċi,
- I. billi l-implimentazzjoni rapida u effettiva ta' l-erba' spazji komuni - li jinvolvu spazju ekonomiku komuni, spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, spazju ta' sigurtà esterna u spazju ta' riċerka, edukazzjoni u kultura - għandha tkun fil-qalba tan-negozjati dwar il-Ftehma ta' Sħubija Strateġika l-ġdida,
- J. billi bejn l-2000 u l-2007 l-koperazzjoni ekonomika bejn l-UE u r-Russja żdiedet b'fattur ta' ħamsa, u laħqet il-volum ta' EUR 180 biljun fis-sens f'termini assoluti, biex b'hekk ir-Russja saret it-tielet l-iżjed sieħeb kummerċjali importanti għall-UE (wara l-Istati Uniti u ċ-Ċina), u l-UE saret l-iżjed wieħed importanti għar-Russja,
- K. billi r-Russja hija waħda mill-iżjed sorsi importanti ta' l-importazzjoni ta' prodotti ta' l-azzar għall-UE, u issa hija t-tieni wieħed wara ċ-Ċina; billi, f'termini monetarji, fl-2006 l-importazzjonijiet ta' l-azzar mir-Russja rrappreżentaw valur kummerċjali ta' EUR 3366 biljun,
- L. billi l-prinċipju li jsejsu u jmexxu r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa għandhom ikunu r-reċiproċità, it-trasparenza, il-prevedibilità, l-affidabilità, in-non-diskriminazzjoni u t-tmexxija tajba,
- M. billi hemm konġestjoni serja tat-traffiku fuq il-fruntieri ta' l-Istati Membri ta' l-UE u r-Russja f'Kaliningrad u fuq punti transkonfinali oħrajn ma' bosta Stati Membri oħrajn fi bnadi oħrajn,

- N. billi fis-Samit UE-Russja li sar fis-Samara f'Mejju 2007 kien hemm impenn ċar mir-Russja biex tiffirma ftehma dwar l-'overflights' Siberjani; billi l-prospetti li dan jiġri fil-ġejjieni jidhru remoti ħafna,
- O. billi l-adeżjoni rapida tal-Federazzjoni Russa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ se tagħmel kontribut sostanzjali għat-titjib addizzjonali tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea, dejjem jekk ir-Russja tikkonforma bis-sħiħ ma' l-impenji u l-obbligi tad-WTO u timplimentahom,
- P. billi lejliet is-Samit ġew diskussi l-investment u r-relazzjonijiet kummerċjali fir-Round Table ta' l-Industrijalisti EU-Russja - grupp bilaterali mmexxi minn Nils Andersen, il-kap eżekuttiv ta' AP Moller-Maersk tad-Danimarka, u Anatoly Chubais, il-kap ta' l-UES, il-grupp ta' l-elettriku Russu,
- Q. billi, skond il-Kummissarju ta' l-UE għall-Kummerċ Peter Mandelson, l-enerġija hija l-ikbar kwistjoni fir-relazzjonijiet ekonomiċi EU-Russja u suġġett ewlieni tas-Samits bijennali EU-Russja;
- R. billi dan l-aħħar r-Russja inkludiet xi wħud mill-ikbar kumpaniji enerġetiċi ta' l-UE fi rwol ta' sħubija strateġika f'bosta proġetti enerġetiċi ewlenin jew ippermettiet lill-kumpaniji ta' l-UE li jixtru ishma strateġiċi f'kumpaniji Russi; jinnota, madankollu, li l-iżmantellar ta' Yokos u l-irkantar ta' l-ishma tagħha ma jipprovdux għal ambjent kummerċjali trasparenti; jinnota, barra minn dan, id-deċiżjoni tat-Tribunal Federali Żvizzeru, li ddeċieda li l-prosekuzzjoni mill-awtoritajiet Russi ta' Mikhail Khodorkovsky u Yukos kellha mottivi illegali u politiċi,
- S. billi s-sigurtà tal-provvista enerġetika hija waħda mill-ikbar sfidi għall-Ewropa u waħda mill-ikbar oqsma ta' koperazzjoni mar-Russja, u billi huma meħtieġa sforzi konġunti biex isir użu sħiħ u effiċjenti mis-sistemi ta' trasport ta' l-enerġija, kemm dawk li diġà jeżistu u kemm dawk li jridu jiġu żviluppati iktar,
- T. billi l-kwistjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' forniment u trasport ta' l-enerġija għandhom jiġu solvuti b'mod negozjat, mhux diskriminatorju u trasparenti u m'għandhom qatt jintużaw bħala mezz ta' pressjoni politika fuq l-Istati Membri ta' l-UE jew fuq il-pajjiżi fil-viċinanzi komuni,
- U. billi ftehma fil-futur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa għalhekk għandha tinkludi l-prinċipji tat-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija, li skond l-Artikolu 45 tiegħu, jorbot lir-Russja anke qabel ir-ratifikazzjoni tiegħu mill-Istat Russu tad-Duma,
- V. billi l-ewwel laqgħa EU-Russja dwar il-pakkett tad-deregolazzjoni tas-settur ta' l-enerġija mfassal mill-Kummissjoni u maħsub biex jagħti spinta lill-kompetizzjoni u l-investment fis-settur ta' l-enerġija sar f'Moska fit-22 ta' Ottubru 2007,
- W. billi l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa jistgħu u għandhom ikollhom irwol attiv flimkien fil-ħolqien tal-paċi u ta' l-istabilità fil-kontinent Ewropew, b'mod partikulari fil-viċinanzi komuni, u f'partijiet oħra tad-dinja, inkluż fl-Iran u fil-Lvant Nofsani,

- X. billi għandha tingħata prijorità assoluta miż-żewġ imsieħba biex tinstab soluzzjoni għall-problema ta' l-istejtus futur tal-Kosovo li tista' tiġi aċċettata miż-żewġ partijiet involuti fil-konflitt, u biex tinstab soluzzjoni għal 'konflitti ffriżati' oħra fil-Moldova u fin-Nofsinhar tal-Caucasus,
- Y. billi d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet Russi b'reazzjoni għall-pjanijiet ta' l-Istati Uniti li jistabilixxu parti mis-sistema ta' difiża bil-missili fil-Polonja u fir-Repubblika Ċeka u t-theddida xejn xierqa tar-Russja li toħroġ mit-Trattat dwar il-Forzi Konvenzjonali fl-Ewropa (CFE) ħolqu tħassib serju dwar iż-żamma tal-paċi u ta' l-istabilità fil-kontinent Ewropew,
- Z. billi huwa importanti li l-UE titkellem b'vuċi waħda, li turi solidarjetà u unità fir-relazzjonijiet tagħha mal-Federazzjoni Russa, u li tibbaża dawk ir-relazzjonijiet fuq interessi reċiproċi u valuri komuni,
1. Jerġa' jafferma l-konvinzjoni tiegħu li r-Russja għadha sieħba importanti għall-iskop tal-bini ta' koperazzjoni strateġika, li magħha l-UE għandha mhux biss interessi ekonomiċi u kummerċjali komuni, iżda għandhom ukoll l-oġettiv komuni li jikkoperaw mill-qrib kemm fl-arena internazzjonali u kif ukoll fil-viċinat komuni;
 2. Jenfasizza l-importanza ta' unità u solidarjetà fost l-Istati Membri ta' l-UE fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Russja; in-negozjati dwar il-ftehimiet bilaterali għandu isiru fl-ispirtu tal-pożizzjonijiet tas-CFSP konġunti ta' l-UE;
 3. Jilqa' r-risultat ta' l-20 Samit UE-Russja, li, skond il-parteċipanti tiegħu, tmexxa f'"ambjent ġenwinament kostruttiv" u f'"ambjent amikevoli"; jinnota d-dinamiċi pożittivi fix-xogħol li għadu għaddej fuq l-implimentazzjoni Prattika tal-pjanijiet direzzjonali għall-erba' spazji komuni u jisħaq li l-approfondiment ulterjuri tas-sħubija jkun ta' benefiċċju għat-tnejn;
 4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iskambju kontinwu ta' opinjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Russja bħala parti mill-konsultazzjonijiet UE-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem; madankollu, jenfasizza li s-sitwazzjoni attwali fir-Russja toħloq tħassib serju fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, demokrazija, libertà ta' l-espressjoni, ksenofobija, vjolenza inter-etnika u d-drittijiet tas-soċjetà ċivili u ta' individwi li jisfidaw l-awtoritajiet u jgħodduhom b'responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom; huwa inkwetat ħafna dwar in-nuqqas ta' risposta sostantivi mill-awtoritajiet Russi għad-diversi stqarrijiet dwar dan it-tħassib; jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-liġi kurrenti dwar l-NGOs kellha impatt negattiv fuq ix-xogħol ta' bosta NGOs u jappoġġja l-inizjattivi kontinwi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri tar-reġistrazzjoni ta' l-NGOs;
 5. Jitlob lill-awtoritajiet Russi biex jiggarantixxu proċess liberu u ġust fl-elezzjonijiet ta' Duma li se jsiru f'Diċembru 2007 u fl-elezzjonijiet presidenzjali ta' Marzu 2008, sabiex ikun żgurat li l-partiti ta' l-oppożizzjoni jkollhom l-oportunità li jagħmlu l-kampanji tagħhom; jenfasizza li l-libertà tal-midja se tkun ta' importanza ewlenija sabiex l-elezzjonijiet ikunu jistgħu jitqiesu bħala ħielsa u ġusti;

6. Jenfasizza l-konvinzjoni tiegħu li l-elezzjonijiet li ġejjin Russja se jkunu prova importanti għall-implimentazzjoni tal-prinċipji demokratiċi u ta' l-impenji lejn id-drittijiet tal-bniedem u jistenna li r-Russja se tagħmel għażla sensibbli u tistieden numru suffiċjenti ta' osservaturi ta' l-OSCE biex jissorveljaw l-elezzjonijiet;
7. Jiddispjaċih dwar il-waqfien tan-negozjati mal-Gvern Russu dwar it-tneħħija tal-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli Pollakki u dwar in-nuqqas sussegwenti li jinbdew in-negozjati dwar PCA ġdida bejn l-UE u r-Russja; jiddispjaċih dwar in-nuqqas kważi totali ta' żviluppi pożittivi mil-Laqgħa Għolja preċedenti 'l hawn, u jħeġġeġ lill-Gvern Russu biex jikkunsidra mill-ġdid b'mod urġenti dawk l-azzjonijiet li ħa u li ma ħallewx li jsiru negozjati ulterjuri; jinkoraġġixxi lill-Presidenza Portuġiża sabiex tkompli taħdem sabiex ikun possibbli li l-mandat għan-negozjar ta' ftehim għada jiġi adottat mill-aktar fis possibbli, u biex in-negozjati jibdew mingħajr aktar dewmien;
8. Itenni l-importanza li tiġi stabbilita Żona Ekonomika Komuni (CES) u li jiġu żviluppati iktar l-oġettivi miftiehma fil-Pjan Direzzjonali CES, speċjalment fir-rigward tal-ħolqien ta' suq miftuħ u integrat bejn l-UE u r-Russja;
9. Jinnota t-tressiq lis-Samit tal-konklużjonijiet tar-Round Table ta' l-Industrijalisti, li jesprimu "diżappunt" u "dispjaċir" dwar it-tnaqqis fil-pass fir-relazzjonijiet politiċi bejn l-UE u r-Russja, u jwissi li jekk il-politika u l-kummerċ se jkomplu jimxu 'l bogħod minn xulxin se jkun hemm il-problemi fil-kummerċ u fl-investment;
10. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm titjib fil-klima għall-investment Ewropew fir-Russja, liema titjib jista' biss iseħħ billi jiġu promossi u ffaċilitati kundizzjonijiet tan-negozju mhux diskriminatorji u trasparenti, inqas burokrazija u investment miż-żewġ naħat; hu mħasseb dwar in-nuqqas ta' prevedibilità fl-applikazzjoni tar-regoli mill-awtoritajiet;
11. Jilqa' t-tiġih tal-koperazzjoni UE-Russja fil-qasam ta' l-ispazju fil-qafas tad-Djalogu dwar l-Ispazju fi Tliet Partijiet li ġie stabbilit f'Marzu 2006 bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u r-Roscosmos, li jinkludi l-applikazzjonijiet spazjali (navigazzjoni bis-satellita, osservazzjoni tal-pjaneta, u komunikazzjonijiet bis-satellita), l-aċċess għall-ispazju (launchers u sistemi ta' trasport spazjali futuri), ix-xjenza spazjali u l-iżvilupp tat-teknoloġija spazjali; jinnota li fi ħdan l-ispazju Ekonomiku Komuni, il-koperazzjoni fl-ispazju ġiet identifikata bħala settur ta' prijorità;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar ta' ftehim dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar li sar fis-Samit, li żiedet il-kwoti għal prodotti ċatti u twal ta' l-azzar (flat steel and long steel products) sabiex jitqies it-tkabbir ta' l-UE li jinkludi l-Bulgarija u r-Rumanija u biex ikopri konsenji lil ċentri ta' servizzi ta' l-azzar fl-Istati Membri ta' l-UE;
13. Jilqa' l-progress li sar f'termini ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bbażati fuq il-prinċipju tal-finanzjament konġunt u ta' l-istatus ugwali fl-għażla tal-proġetti ta' prijorità; jilqa' b'mod partikulari t-tħabbira magħmula min-naħa Russa tas-Samit li tgħid li lesta talloka l-fondi neċessarji għal dawn il-programmi, billi tibda bl-ewwel somma ta' EUR 122 miljun;
14. Jenfasizza li l-kjuwizjiet ta' 50 km ta' trakkijiet fuq in-naħa ta' l-UE tal-fruntiera m'humix aċċettabbli u għalhekk jistieden lir-Russja biex tissimplifika l-proċeduri

tagħha fil-fruntieri u biex timplimenta l-miżuri li qablet dwarhom ma' l-UE biex jitnaqqsu dawn il-konġestjonijiet;

15. Jiddispjaċih mill-fatt li r-Russja ma onoratx l-impenn tagħha biex tnaqqas bil-mod il-mod il-ħlasijiet ta' l-overflights Siberjani, jistieden lir-Russja biex tiffirma l-ftehma li ntlaħqet fuq din il-kwistjoni fl-aħħar Samit u jenfasizza li mossa pożittiva mir-Russja tħalli lill-UE tmexxi 'l quddiem bis-Samit ta' l-Avjazzjoni li hu ppjanat għal Moska f'Novembru biex jiġi identifikat il-potenzjal enormi għal koperazzjoni f'dan is-settur importanti;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar waqt is-Samit rigward l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO li se jpoġġi lill-komunitajiet tan-negozju taż-żewġ naħat fuq livell indaqs u li se jgħin ħafna lill-isforzi tar-Russja biex din tibni ekonomija moderna, diversifikata u li jkollha teknoloġija għolja; jistieden lir-Russja biex din tiegħu l-passi neċessarji biex tneħħi l-ostakoli li fadal għall-proċess ta' adeżjoni, liema proċess jinsab fi stadju kritiku, u biex tkun tista' tikkonforma b'mod sħiħ u timplimenta l-impenji u l-obbligazzjonijiet tas-sħubija mad-WTO;
17. Jilqa' b'sodisfazzjon id-djalogu intensifikat UE-Russja dwar kwistjonijiet ta' l-enerġija; jenfasizza l-importanza ta' importazzjonijiet ta' l-enerġija għall-ekonomiji Ewropej, li fil-fatt jirrappreżentaw opportunità potenzjali għal iktar koperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn l-UE u r-Russja; jenfasizza li l-prinċipji ta' interdipendenza u trasparenza għandhom ikunu l-bażi ta' tali koperazzjoni, flimkien ma' aċċess ugwali għas-swieq, indipendenza strateġika, infrastruttura u investiment; ***jinnota bi tħassib li l-qerda tal-Yukos, il-persekuzzjoni politika ta' Mikhail Khodorkovsky, li nġhata sentenza ta' erba' snin ħabs u li issa hu eliġibbli biex jinħeles, u l-pressjoni riċenti fuq Russneft, qed joħolqu inċertezza serja fuq il-komunità tan-negozju;*** jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-prinċipji tat-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija, il-Protokoll ta' Tranżitu anness ma' dan id-dokument u l-konklużjonijiet tal-G8, huma inkorporati f'PCA ġdid bejn l-UE u r-Russja;
18. Jenfasizza l-bżonn li tissaħħaħ iktar is-sigurtà ta' l-enerġija ta' l-UE u għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehma milħuqa waqt is-Samit biex jitkompla x-xogħol fuq l-istabbiliment ta' mekkaniżmu li javża minn kmieni (an early-warning mechanism) għall-forniment u d-domanda ta' l-enerġija li ġejja mir-Russja lejn l-UE, bbażat fuq skambju ta' informazzjoni dwar kriżijiet potenzjali u modi kif jiġu solvuti;
19. Jenfasizza l-bżonn li naħdmu flimkien mar-Russja bħala sieħeb neċessarju u importanti għall-assigurazzjoni tal-paċi, ta' l-istabilità u tas-sigurtà, għall-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-estremiżmu vjolenti u biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà oħrajn bħall-perikli ambjentali u nukleari, id-drogi, it-traffikar ta' l-armi u tal-bnedmin u l-kriminalità transkonfinali organizzata fil-viċinat Ewropew;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ifittxu inizjattivi konġunti mal-Gvern Russu bil-għan li jissaħħu s-sigurtà u l-istabilità fil-viċinanzi komuni, b'mod partikulari permezz ta' djalogu aħjar dwar l-Ukrajna u l-Belarus u permezz ta' sforzi konġunti biex finalment ikunu solvuti l-konflitti ffriżati f'Nagorno Karabakh kif ukoll fil-Moldova u fil-Ġeorġja billi tkun garantita l-integrità territorjali sħiħa ta' dawk l-istati u, sa fil-każ

tat-Transnistria, permezz ta' l-irtirar tat-truppi Russi li baqa'; jekk ikun meħtieġ, dawn it-truppi għandhom jiġu sostitwiti b'forza ta' sorveljanti internazzjonali;

21. Jistieden lill-Gvern Russu biex jagħmel kontribut pożittiv għall-isforzi magħmula tal-Grupp ta' Kuntatt għall-Kosovo u ta' l-Unjoni Ewropea biex tinstab soluzzjoni sostenibbli għall-problema ta' l-istejtus futur tal-Kosovo li tista' tiġi aċċettata mill-partijiet involuti fil-kunflitt;
22. Jistieden lill-UE u lir-Russja, bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex ikompli bl-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni għall-kwistjoni nukleari Iranjana;
23. Jistieden lill-UE u lir-Russja, bħala membri tal-Kwartett, sabiex jassumu r-responsabilità tagħhom sabiex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt tal-Lvant Nofsani u sabiex jippromwovu l-isforzi sabiex issir konferenza internazzjonali għall-ftehim ta' paċi fil-Lvant Nofsani;
24. Jappella lill-gvernijiet tar-Russja u ta' l-Istati Uniti biex jintensifikaw id-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet ta' difiża u sigurtà li jinvolvu b'mod dirett jew indirett lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-gvernijiet taż-żewġ stati biex jinvolvu lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha b'mod sħiħ f'dawn id-diskussjonijiet u biex ma jieħdu l-ebda pass u deċiżjoni li jistgħu jitqiesu bħala theddida għall-paċi u l-istabilità fil-kontinent Ewropew; iħeġġeġ lir-Russja biex terġa' tqis il-pjanijiet biex ma tibqax konformi mat-Trattat dwar il-Forzi Konvenzjonali fl-Ewropa (CFE) u biex tagħżel it-triq tan-negożjati sabiex tħares l-interessi leġittimi tagħha u tevita li jiddgħajjef it-Trattat CFE, billi dan jista' jwassal għal tiġrija ġdida għall-armi u għal linji ġodda ta' konfrontazzjoni;
25. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dħul fis-seħħ fl-Ispazju Komuni tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja tal-ftehimiet dwar it-tħaffif tal-ħruġ tal-viżi u dwar ir-rijammissjoni u jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-bidu tad-djalogu dwar il-viżi;
26. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontinwa kontra l-korruzzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon il-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa fil-Grupp ta' Stati tal-Kunsill ta' l-Ewropa kontra l-korruzzjoni kif ukoll l-impenn qawwi tal-President Putin u tal-Prim Ministru Zubkov f'din il-kwistjoni, iżda jenfasizza li l-konvenzjonijiet internazzjonali, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kodiċi ta' l-imġiba m'humiex biżżejjed jekk ma jkunux implimentati b'mod effettiv;
27. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar ta' memorandum ta' ftehim bejn is-Servizz Federali Russu għall-Kontroll tad-Drogi u ċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u l-Vizzju tad-Droga li jitlob it-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja fl-oqsma kollha tal-ġlieda kontra d-drogi, mill-għajnuna medika għad-drogati sal-ħidma għal miżuri preventivi mal-midja u l-organizzazzjonijiet pubbliċi;
28. Jinnota l-progress li sar fl-Ispazju Komuni tar-Riċerka, l-Edukazzjoni u l-Kultura, u jilqa' b'sodisfazzjon b'mod partikulari l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Permanenti ta' Sħubija, li saret lejlet is-Samit, li identifikat oqsma għal Pjan ta' Azzjoni Konġunt fil-ġejjieni, u dan juri impenn sod miż-żewġ naħat biex jittejjeb il-livell tal-koperazzjoni kulturali;
29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill,

lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa.